Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9884 — Thoma Bravo/Madison Dearborn Partners/Axiom)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 219/10)

1. Fil-25 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Thoma Bravo LLC ("Thoma Bravo", l-Istati Uniti tal-Amerka);

— Madison Dearborn Partners ("MDP", l-Istati Uniti tal-Amerka);

— Axiom Software Business ta' Kaufman, Hall & Associates ("Axiom", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Thoma Bravo u MDP jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Axiom kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Thoma Bravo: ditta ta' investiment fl-ekwità privata li tipprovdi appoġġ ta' ekwità u dak strateġiku.

— MDP: ditta ta' investiment ta' ekwità privata, b'enfasi fuq l-industriji bażiċi; software u servizzi tan-negozju u tal-gvern; servizzi finanzjarji u ta' tranżazzjoni; il-kura tas-saħħa; u servizzi tat-telekomunikazzjoni, tal-media u tat-teknoloġija;

— Axiom: Il-provvista ta' soluzzjoni EPM komprensiva bbażata fil-cloud li tinkludi l-budgeting, it-tbassir, ir-rapportar, l-analitika, il-ġestjoni tal-istrateġija, il-konsolidazzjonijiet, l-ippjanar tal-kapital, l-immudellar tal-profittabbiltà u l-ġestjoni tal-ispiża.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9884 — Thoma Bravo/Madison Dearborn Partners/Axiom

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks+32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.